



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 163/23

il-Lussemburgu, 26 ta' Ottubru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-670/22 | Staatsanwaltschaft Berlin (EncroChat)

Avukata Ġenerali Ċapeta: Prosekutur Pubbliku jista' joħroġ Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) għat-trasferiment lejn Stat Membru ieħor ta' provi diġà miġbura

Dan ikun il-każ jekk id-dritt nazzjonali ta' dan il-prosekutur pubbliku jkun jippermettilu jordna trasferiment fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali simili. F'tali każ, l-awtorità li toħroġ OIE ma tistax tevalwa l-legalità tal-ġbir ta' dawk il-provi fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

EncroChat kien network ta' telekomunikazzjonijiet kriptat li joffri lill-utenti tiegħu anonimità kważi perfetta: l-apparat ma kellux kamera, mikrofonu, GPS jew port USB; il-messaġġi tiegħu setgħu jitħassru awtomatikament u l-utenti setgħu, wara li jkunu użaw kodiċi PIN speċjali jew wara entrati konsekuttivi ta' password żbaljata, iħassru immedjament id-data kollha tal-apparat. Operazzjoni konġunta Franko-Olandiża żviluppat softwer Trojan, li ġie installat fuq l-apparat tat-terminals permezz ta' aġġornament simulat. L-utenti ta' EncroChat f'122 pajjiż ġew affettwati minn din l-interċettazzjoni, li minnhom madwar 4 600 utent fil-Ġermanja. Uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku Ġermaniż ħareġ diversi OIE, li bihom talab li juża data interċettata fi proċedimenti kriminali dwar suspett ta' traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi minn persuni mhux identifikati ssuspettati li jiformaw parti minn grupp kriminali organizzat. Qorti kriminali Franċiża awtorizzat l-OIE u baġtet id-data mitluba. L-Uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku Ġermaniż għalhekk wettaq investigazzjonijiet fir-rigward tal-utenti ta' EncroChat individwalizzati. L-imputati f'din il-kawża ġew akkużati abbażi tal-provi rċevuti minn Franza.

Kontestazzjonijiet kontra l-kundanni kriminali li jirriżultaw mid-data EncroChat interċettata qed iqajmu għagħha fl-oġhla qradi fl-Ewropa u l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Il-Qorti Reġjonali Ġermaniża, li quddiemha l-proċeduri kriminali riżultanti huma pendenti, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-OIE inkwistjoni nħarġux bi ksur tad-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea ¹.

Fil-konklużjonijiet tagħha tal-lum, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tfakkar li OIE tista' tinħareġ biss jekk il-miżura investigattiva inkluża fiha tkun tista' tiġi ordnata taħt l-istess kundizzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali simili. F'dan il-każ, proċedura nazzjonali simili tkun kawża fejn il-provi jiġu ttrasferiti minn proċedura kriminali għal oħra fil-Ġermanja. Peress li d-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea tippermetti lil prosekutur pubbliku kompetenti f'kawża partikolari joħroġ OIE u d-dritt Ġermaniż ma jidherx li jeżiġi li qorti tawtorizza trasferiment nazzjonali simili, l-Avukata Ġenerali tqis li **l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ġermaniż kien awtorizzat joħroġ l-OIE inkwistjoni. Fi kliem ieħor, id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li tali OIE jinħarġu minn qorti.**

L-Avukata Ġenerali tikkonstata wkoll li, minħabba l-fatt li l-interċettazzjonijiet telefoniċi ġew awtorizzati mill-qradi Franċiżi, l-awtoritajiet Ġermaniżi **għandhom jagħtu lil din il-fażi proċedurali l-istess valur bħal ma kieku jagħtu fuq livell nazzjonali.** Dan ikun il-każ, anki jekk, f'każ konkret, qorti Ġermaniża tiddeċiedi b'mod differenti.

Fl-aħħar nett, l-ammissibbiltà tal-provi rċevuti potenzjalment bi ksur tad-dritt tal-Unjoni ma taqax taħt id-dritt tal-

Unjoni, iżda taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għar-rispett tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qradi tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-opinjoni jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata l-opinjoni.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva 2014/41/EU](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali.